# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 230/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Toneva Grima Sofiya Dimitrova**
**(43500(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tletin ewro u

hamsa u erbghin centezmi (€430.45) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40139345 bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda ta’ Maryanne Camilleri moghtija fis-seduta tal-lum stess li permezz taghha kkonferma is-somma mitluba bhala dik li ghadha dovuta mill-konvenuta u li, aktar minn hekk l-ammont dovut zdied in vista ta’ spejjez legali ulterjuri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-konvenuta naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-konvenuta sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta’ attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmi (€430.45) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru

40139345 bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**